MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1947/2001/1

**Maltacom plc**

**Vs**

**Datax Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u sitta u tletin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm836.63), hlas ghal servizz li gie pprovdut lis-socjeta konvenuta li jikkonsisti f'approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjoni bejn it-3 ta' Settembru 1998 u t-30 ta' April 2001.

Ra r-risposta li giet prezentata mis-socjeta konvenuta u li permezz taghha eccepiet:

1. Preliminarjament it-tahrika ma saritx kontra persuna guridika u konsegwentement ghandha tigi michuda t-talba.

2. Illi s-socjeta konvenuta m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma-socjeta attrici.

3. Illi s-socjeta attrici ma pprovdiet l-ebda funzjoni li ghab-bazi taghha jista' jintalab xi hlas.

4. Illi l-ligi tipprovdi ghal pagament ghal servizz ta' Type Approval biss. Ma jaghmilx sens legali li jigi mitlub hlas kull darba li ssir importazzjoni ta' oggett li tieghu ikun diga' sar l-hekk imsejjah Type Approval.

Semgha l-provi li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti.

1. Fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni, din ma tirrizultax fondata. Ma tressqet l-ebda prova li s-socjeta konvenuta m'hijiex kumpannija registrata.

2. B'riferenza ghat-tieni eccezzjoni t-Tribunal jaghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Maltacom plc vs ICL Malta Limited** [Avviz numru 1847/01AE] deciza fl-4 ta' Gunju 2002. A skans ta' ripetizzjoni inutli, t-Tribunal qieghed jaddotta l-istess ragunament fis-sens li kwalsiasi servizz kien inghata mis-socjeta attrici, li wara kollox kienet qeghda tiehu hsieb il-hrug tac-certifikat Type Approval Service [ara wkoll **Maltacom plc vs Falcon 2000 Ltd** (Avviz numru 2042/01AE) u **Maltacom plc vs Falcon 2000 Ltd** (Avviz numru 1897/01AE) decizi fil-25 ta' Settembru 2002] . Ghalhekk din l-eccezzjoni hija michuda.

3. Fir-rigward tal-meritu, is-socjeta konvenuta qeghda tikkontendi li s-socjeta attrici ma pprvodiet l-ebda servizz u f'kull kaz huwa inekwu li jintalab hlas kull darba li ssir importazzjoni ta' l-istess oggett li tieghu ikun diga' nghata Type Approval.

4. Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici kkonferma fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2002 li *"l-parti l-kbira tal-apparat li jissemma f'Dok. JA2 inghata type approval billi gew verifikati dokumenti li jkollhom l-ispecifications tal-apparat"* [fol. 22]. Min-naha l-ohra r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta (Stephen Saliba) xehed li qatt ma kienu jintalbu jaghtu sample qabel il-hrug tac-certifikat ta' Type Approval. Skond dan ix-xhud, kull ma kienu jigu mitlub jaghtu kien brochure tal-prodott li jkun gie mportat.

5. F'kawzi ohra dwar l-ghoti ta' servizz ta' Type Approval, it-Tribunal diga' kellu l-opportunita jikkonferma li xi hlas huwa dovut lis-socjeta attrici li kienet tohrog ic-certifikat in kwistjoni sabiex tkun tista' tigi rilaxxata l-merkanzija mid-Dwana. Wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz [fosthom li hemm zewg items f'dokument JA2 a fol. 21 li jidhru li huma ripetuti u li s-socjeta attrici naqset milli ggib provi sodisfacenti tax-xoghol li sar mill-impjegati taghha], it-Tribunal huwa tal-fehma li jkun gust u ekwu li s-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150). Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Spejjez [mhux inkluzi drittijiet legali] jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**